Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/29*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Erbgħa 20 ta' Mejju, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-28**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Ittra ta' Direzzjoni 2014**

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra ta' direzzjoni 2014 u qabel li għandu jibgħat ir-risposta dwar il-punti kollha imsemmija mill-Uditur.

**4. Attivitajiet fi żmien il-festa**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa flimkien mal-Kumitat tal-Festa qed jorganizza it-tiġrija taż-żwiemel kif propost fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal li kellu rispons tajjeb mir-residenti dwar il-fatt li din is-sena din l-attivita se tiġi organizzata mill-Kumitat tal-Festa bil-koperazzjoni tal-Kunsill. B'hekk qed ikun hemm aktar interess minn naħa tar-residenti tagħna. Is-Sindku qal ukoll li għal din is-sena mistenni li jkun hemm aktar parteċipazzjoni u għalhekk jista' jkun li l-ispiża għall-premjijiet tista' tkun ftit aktar mis-sena l-oħra. Il-Kunsill approva li jingħataw il-premjijiet kif propost mis-Sindku. Is-Sindku ippropona wkoll sabiex is-sidien taż-żwiemel għandhom

jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jikkonfermaw li jekk jinqala xi inċident huma ma jistgħux ifittxu lill-Kunsill għal xi danni. Iż-żwiemel għandhom ikunu akkumpanjati kemm fit-tluq kif ukoll fejn tintemm it-tiġrija u b'hekk iż-żiemel ikun ikkontrollat kemm jista' jkun u s-sewwieq ikun mgħejjun iwaqqaf liż-żiemel wara t-tiġrija. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

Dwar il-logħob għal kull eta' s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Marvic Attard Briffa qed tieħu ħsieb biex dawn ikunu jistgħu jsiru. Dwar siġġijiet biex jintużaw waqt l-attivita l-Kunsill qabel li nikru minn għand il-Parroċċa. Nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju fil-11.00am ser issir laqgħa għal parteċipanti kollha sabiex jiġu spjegati l-logħob u anke jittellgħu bix-xorti l-erba' timijiet.

## 5. Proġett ta' Triq Gallina, Measure 125

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien applika mal-Fond ta' Ko-Finanzjament – CV 7237 dwar il-proġett taħt il-Miżura 125. Il-poġett huwa ta' resurfacing ta' Triq Gallina permezz tal-konkos. L-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet aċċettata biex tingħata l-ko-finanzjament. Is-Sindku qara l-ftehim ta' aċċettazzjoni dwar dan il-ko-finanzjament. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li għandu jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6. Korrispondenza

6.01 Memo 10/2015 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta ta' Librerija Lokali – Il-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw sabiex nibbenefikaw minn din l-iskema. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal massimu ta' fondi jiġifieri €600 u għalhekk iridu jinxtraw b'€1,200 kotba.

6.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li kellu mas-Segretarjat Parlamentari tas-Saħħa u anke mas-Supretendent tal-Pulizija dwar l-Għassa u l-Klinika li għandna fi Pjazza s-Salvatur. Kif spjegat ukoll fl-aħħar laqgħa s-Sindku qal li intlaħaq ftehim sabiex is-Supretendent tal-Pulizija jibgħat il-ħaddiema filwaqt li l-Kunsill jixtri l-materjal li jkun hemm bżonn biex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Il-Kunsill approva li għandu jinxtara l-materjal u b'hekk il-manutenzjoni tkun tista' issir. Kif isir ix-xogħol ta' manutenzjoni s-Segretarjat tas-Saħħa se jieħdu ħsieb biex jattrezzaw aħjar il-Klinika.

6.03 Il-Perit John Saliba kien applika mal-Mepa dwar xogħlijiet f'Wied l-Għasri fi Triq il-Knisja. Fost ix-xogħlijiet kien hemm li jinqalgħu s-siġar velenużi tal-oleander. Jidher li l-Mepa mhux taqbel ma' din il-proposta għax qalet li dawn is-siġar qed isiru estinti. Il-Kunsill ma qabilx mal-Mepa dwar dan għar-raġuni li l-istess siġar apparti li huma velenużi qed jimblukkaw l-ilma tax-xita peress li jinġabar il-materjal magħhom u għalhekk l-ilma ma jkollux minn fejn jgħaddi. Is-Sindku u l-Perit Saliba għandhom imorru l-uffiċċju tal-Mepa biex jikkontestaw dan il-fatt u jispjegaw l-iskop tal-applikazzjoni tal-Kunsill.

6.04 Wara rapporti li kienu saru dwar antenna tal-Melita fuq post fi Pjazza s-Salvatur l-MCA għamlet it-testijiet biex tivverifika jekk il-livell ta' raġġi humiex ta' ħsara jew le. Mir-riżultat jidher li ma kienx hemm periklu għas-saħħa. Dawn it-testijiet iridu jerġgħu isiru għar-raġuni li l-antenna l-aktar viċin li hemm fuq il-post fi Pjazza s-Salvatur għada mhix qed tiffunzjona u għalhekk it-testijiet iridu jsiru meta tibda taħdem.

6.05 Il-Kunsill irċieva ittra anonima fejn ġie allegat li xi persuna qed tagħmel xogħol ta' sandblasting u dan qed ikun ta' ħsara għar-residenti tal-istess inħawi. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-ilment anonimu m'għandux jiġi proċessat. Il-persuna li għamlet dan l-ilment għandha tidentifika lilha infisha u tista' ukoll tirraporta kemm mal-Pulizija kif ukoll mal-Mepa u b'hekk jittieħdu l-passi minn naħa tagħhom. Il-Kunsill qabel li m'għandnix nieħdu passi fuq ittra anonima.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-29 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Fil-laqgħat preċedenti l-Kunsill kien qabel li għandna niġbru stima sabiex in-niċċa tal-Lunzjata fi Triq Salvu Gambin tiddawwal permezz ta' bozza li tkun taħdem bis-sistema solari. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien talab kwotazzjoni biex issir din il-bozza man-niċċa tal-Lunzjata. Il-kwotazzjoni hija ta' RolTek mill-Għasri u hija ta' €457.25. Il-prezz jinkludi l-installazzjoni tas-sistema kif ukoll garanzija ta' sentejn. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-bozza għandha teħel u b'hekk in-niċa tibda tkun imdawla.

8.02 Il-Kunsill qabel li kif isir ta' kull sena norganizzaw trasport darba fil-ġimgħa għal Qbajjar u lura. Dan jibda kif it-temp ikun jippermetti għall-bidu ta' Lulju. Is-servizz tat-trasport ser isir minn Paul Borg nhar ta' Tnejn fl-4.00pm mill-Għasri u lura fis-6.45pm.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kelmuh diversi residenti sabiex jiġu organizzati korsijiet matul is-sajf. Huwa qal li diġa beda jikkuntattja diversi għalliema kwalifikati biex jara jekk humiex interessati li jagħlmu xi suġġett. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu ikompli bil-kuntatti sabiex dawn il-korsijiet ikunu jistgħu isiru. Għalhekk meta jkolna l-informazzjoni kollha l-Kunsill joħroġ l-avviżi sabiex kull min huwa interessat jibda jattendi dawn il-korsijiet.

8.04 Is-Sindku ippropona sabiex fi Triq Wied Sara kantuniera ma' Triq iż-Żebbuġ teħel mera tat-traffiku. Peress li f'dan il-post diġa kien hemm mera tat-traffiku u kienet tkissret il-Kunsill qabel li għandna nordnaw mera ġdida.

8.05 Josephine Attard ta' Triq Salvu Gambin talbet li l-bankina tagħha issir mill-ġdid peress li qed titkisser. Hija talbet li issir b'madum differenti minn dak li soltu iġib il-Kunsill u se tixtrih hi stess. Il-Kunsill qabel li nagħmlu x-xogħol meħtieġ biex titranġa l-bankina ta' Josephine Attard. Ix-xogħol ser isir mill-kuntrattur Anton Mintoff.

8.06 Daniela Vella ta' Triq Għammar talbet biex il-bankina tagħha issir mill-ġdid peress li qed tinkiser. Is-Sindku ikkonferma li l-istat tal-bankina huwa ħażin u hemm bżonn li issir mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur Anton Mintoff.

8.07 Lilian Zahra ta' Triq il-Fanal infurmat lill-Kunsill li fil-post li tieħu ħsieb fi Triq Gallina hemm ħsara fis-servizz tad-drenaġġ. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa mar jara x'hemm. Huwa qal li aktarx meta kienet qed issir Triq Tal-Gallina il-katusa tkisret u ma reġgħetx ġiet ikkonnetjata. Il-Kunsill

qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur Anton Mintoff u b'hekk tissolva din il-poblema.

8.08 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħat tal-Kunsill taż-Żgħażagħ bdew jaħdmu biex jorganizzaw attivitajiet matul is-sajf fosthom ħarġa għal Malta. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu liż-żgħażagħ sabiex dawn l-attivitajiet jirnexxu u ikun hemm parteċipazzjoni tajba.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |